MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 2410/1997/1

***Formosa & Camilleri Ltd* bħala aġenti Malta tas-soċjetà *Guardian Royal Exchange Assurance p.l.c. proprio* u kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat tagħha *Joseph Caruana Co. Ltd***
***versus***
***Gollcher Company Limited* aġenti Malta tas-soċjetà estera *Grandi Traghetti s.p.a. di Navigazione*, armaturi tal-vapur *Freccia Blu*; u *The Cargo Handling Co. Ltd***

F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda tfittex għad-danni minħabba ħsara f'merkanzija li kellha tagħmel tajjeb għalihom bħala assikuratriċi.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi fil-21 t'Ottubru 1996 is-soċjetà *Joseph Caruana Co. Ltd* importat konsenja ta' njam fuq il-bastiment *Freccia Blu*, iżda din il-konsenja waslet bil-ħsara. Taħt il-polza t'assikurazzjoni, is-soċjetà attriċi għamlet tajjeb għad-danni billi ħallset tlitt elef disa' mija u sitt liri u ħamsin ċenteżmu (Lm3,906.50) — tlitt elef sitt mija u ħamsa u erbgħin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm3,645.50) għall-ħsara fil-merkanzija u mija u tnax-il lira

(Lm112) bħala *survey fee*[1] — u ġiet surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat.

Is-soċjetà attriċi għalhekk fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti:

1. tgħid illi l-konvenuti jaħtu għall-ħsara, jew tgħid min minnhom jaħti;

2. tillikwida d-danni fis-somma ta' tlitt elef disa' mija u sitt liri u ħamsin ċenteżmu (Lm3,906.50); u

3. tikkundanna lill-konvenuti, jew lil min minnhom jaħti, iħallsuha tlitt elef disa' mija u sitt liri u ħamsin ċenteżmu (Lm3,906.50), flimkien ma' l-imgħax u l-ispejjeż.

Il-merkanzija waslet Malta fil-21 t'Ottubru 1996; dak in-nhar waqt illi l-merkanzija kienet qiegħda titniżżel min fuq il-bastiment sar *tally* u ma saret nota ta' ebda ħsara[2]. Billi iżda l-merkanzija kienet mgħottija, l-istat tagħha ma kienx jidher, u għalhekk seta' kien hemm ħsara li f'dak il-waqt ma tidhirx. Hekk kif tniżżlet minn fuq il-bastiment il-merkanzija nżammet taħt tinda, sakemm fit-23 t'Ottubru 1996 ingħatat lill-importatur. Fuq il-*gate pass-out*[3] maħruġ mis-soċjetà konvenuta *The Cargo Handling Company Limited* hemm il-kumment *contents wet as landed*.

Dakinhar stess sar *survey* u r-rapport[4] tas-*surveyor* fost ħwejjeġ oħra jgħid hekk:

The consignment consisted of White Viropla Plywood, pelletised and strapped, with outer protective board packing. The straps securing the bundles were rusty and, in many cases, the outer packing board was warped and covered in mould. Once the packing was removed, all the boards were found to be mouldy, stained and warped to varying degrees. Samples of the wood were taken for analysis and results established that it was fresh water.

Dan juri illi ma setax ikun illi l-ħsara ġrat fil-jumejn meta l-merkanzija kienet f'idejn *The Cargo Handling Company Limited*, għax f'dawk il-jumejn ma kinitx sejra titrabba l-

---

1 Lm3,645.50 + Lm112.00 ji[u Lm3,757.50, mhux Lm3906.50, kif jing]ad fi`-`itazzjoni.

2 Ara l-istqarrija ma]lufa ta' Arthur Dimech, *fol.* 37, u ta' Albert Mifsud, *fol.* 39, kif ukoll it-*tally sheets, foll.* 38 u 40.

3 *Fol.* 42.

4 *Fol.* 5, *tergo.*

moffa li ra s-*surveyor*. Għalhekk, it-talbiet safejn magħmula kontra dik il-konvenuta ma jistgħux jintlaqgħu.

Fadal li naraw hemmx xi ħtija tal-konvenuta l-oħra, armatriċi tal-bastiment. Din ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

1. l-atturi għandhom jippreċiżaw jekk il-kawża hix qiegħda ssir biss kontra s-soċjetà barranija *Grandi Traghetti s.p.a. di Navigazione*, jew ukoll kontra *Gollcher Company Limited*; fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2001 is-soċjetà attriċi fissret illi *Gollcher Company Limited* ma hix imħarrka f'isimha *proprio* iżda biss bħala aġent tas-soċjetà barranija;

*2.* billi l-kawża qiegħda ssir minn *Formosa & Camilleri Limited* kemm *proprio* kif ukoll bħala aġent tas-soċjetà assikuratriċi barranija, iċ-ċitazzjoni ma saritx sew għax ma tħarsux ir-regoli proċedurali li jirregolaw azzjoni kollettiva;

3. fil-meritu, ma hux minnu illi s-soċjetà eċċipjenti taħti għall-ħsarat; u

4. f'kull każ, ir-responsabbiltà tagħha hija limitata skond il-liġi applikabbli għall-kuntratt ta' ġarr.

Nibdew bit-tieni eċċezzjoni, li hija ta' natura preliminari. Din l-eċċezzjoni ingħatat għax mill-mod kif huwa miġjub l-isem tas-soċjetà attriċi fl-*occhio* tal-kawża — "*Formosa & Camilleri Ltd* bħala aġenti Malta tas-soċjetà *Guardian Royal Exchange Assurance p.l.c. proprio* u kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat tagħha *Joseph Caruana Co. Ltd*" — jinħoloq dubju jekk is-soċjetà *Formosa & Camilleri Limited* hix qiegħda tidher *proprio* wkoll. Fil-fatt il-kelma *proprio* tirreferi għas-soċjetà barranija biex turi li qiegħda tidher kemm *iure proprio* kif ukoll bħala surrogata ta' l-assikurat tagħha. Din id-distinzjoni ma kinitx meħtieġa billi, ukoll jekk surrogata fid-drittijiet ta' ħaddieħor, l-attriċi ma tiksibx personalità oħra, u xorta tkun qiegħda tmexxi f'isimha stess.

Għalhekk, ladarba l-attriċi hija waħda, din ma hix azzjoni kollettiva u l-eċċezzjoni hija miċħuda.

Ngħaddu issa biex inqisu l-eċċezzjonijiet fil-meritu.

Il-merkanzija tgħabbiet fuq il-bastiment tas-soċjetà konvenuta fid-19 ta' Settembru 1996, u nħarġet polza tal-kariku[5] li fuqha hemm dawn il-kondizzjonijiet, fost oħrajn:

---

[5] *Fol.* 8.

Container (s) stuffed/stripped by the merchant at his responsibility … … …
Shippers load and count. Container(s) delivered to the carrier locked and sealed. Contents stuffed and lashed by shippers, and not inspected by carrier.
Dan ifisser:
1. illi l-kontenut tal-*container* ma kienx, u ma setax ikun, spezzjonat, u għalhekk ma jistax jiġi eskluż li ġà kien hemm il-ħsara fil-merkanzija qabel ma tgħabbiet fuq il-bastiment; u
2. ukoll jekk il-ħsara ġrat waqt il-ġarr, jekk l-ilma daħal fil-merkanzija għax din ma kinitx stivata sew jew għax il-*container* ma kienx siġillat sew, dawn kienu nuqqasijiet li għalihom ma jweġibx il-bastiment;
u juri illi s-soċjetà attriċi ma għelbitx l-oneru li turi li l-ħtija kienet tas-soċjetà konvenuta.
Għal din ir-raġuni, it-talbiet tas-soċjetà attriċi ma jistgħux jintlaqgħu, lanqas kontra l-bastiment, u l-qorti taqta' l-kawża billi tiċħad it-talbiet tas-soċjetà attriċi u tikkundannaha tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------